

Brussell, 10 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7186/26

ENER 119  
ENV 217  
TRANS 138  
ECOFIN 315  
RECH 115  
CLIMA 126  
IND 176  
COMPET 301  
CONSOM 74

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 10 ta' Marzu 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2026) 118 final

---

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL  
dwar l-iffinanzjar tal-Effiċjenza Enerġetika fl-Ewropa  
Valutazzjoni tal-infiq pubbliku għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 118 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 118 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.3.2026  
COM(2026) 118 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-iffinanzjar tal-Effiċjenza Enerġetika fl-Ewropa  
Valutazzjoni tal-infiq pubbliku għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu  
tal-enerġija**

Type the document title here.

Type the first subtitle here.

## u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

### 1. INTRODUZZJONI

**L-effiċjenza enerġetika għandha rwol strumentali biex tkun tista' tinkiseb dekarbonizzazzjoni sħiħa u kosteffettiva madwar l-UE sal-2050, biex l-ekonomija Ewropea ssir aktar kompetittiva u biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija issa u fil-futur.** F'dan il-kuntest, li jitnaqqas l-iskart enerġetiku fis-sistema tal-enerġija kollha u fis-setturi ekonomiċi kollha huwa wieħed mill-oġettivi strateġiċi tal-UE. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika mhux biss jgħinu biex jagħtu spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE, iżda wkoll biex itaffu l-faqar enerġetiku u jnaqqsu d-dipendenza tal-UE fuq sorsi tal-enerġija importati.

**Biex tgħin biex tintlaħaq il-mira tal-2030** li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'55 %, id-Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika riformulata (riformulazzjoni tal-EED, Energy Efficiency Directive) <sup>(1)</sup> tistabbilixxi mira li l-konsum ta' enerġija primarja (PEC, Primary Energy Consumption) tal-UE ma jaqbix 992,5 Mtoe u l-konsum finali tal-enerġija (FEC, Final Energy Consumption) ma jaqbix 763 Mtoe sal-2030. Dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' mill-inqas 11,7 % sal-2030 meta mqabbel mal-projezzjonijiet tax-xenarju ta' referenza tal-UE għall-2020.

Is-**settur tal-bini** għandu rwol importanti x'jaqdi f'dan ir-rigward peress li jammonta għal 36 % tal-konsum ġenerali tal-enerġija tal-UE u għal 40 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra relatati mal-enerġija. 52 % tal-gass naturali kollu kkonsmat fl-UE fl-2023 intuża direttament jew indirettament għall-bini, u għalhekk l-iffrankar f'dan is-settur se jgħin ukoll biex titnaqqas id-dipendenza kurrenti fuq il-fjuwils fossili importati. Barra minn hekk, l-akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tfisser akkomodazzjoni aktar affordabbli, deċenti u sostenibbli. Kważi 75 % tal-istokk tal-bini huwa ineffiċjenti skont l-istandards kurrenti tal-bini, u 85-95 % tal-bini li jeżisti llum se jkun għadu jeżisti fl-2050. Madankollu, ir-rata annwali ponderata tar-rinnovazzjoni enerġetika hija ta' madwar 1 % biss.

Għalhekk, **ir-rata ta' rinnovazzjoni għandha tal-anqas tirdoppja u l-fond tar-rinnovazzjoni għandu jżidied** biex jiġi żgurat li s-settur jikkontribwixxi għall-miri tal-2030. Il-bini l-ġdid kollu għandu jkun bini b'emissjonijiet zero sal-2030 filwaqt li l-bini eżistenti għandu jiġi ttrasformat f'bini b'emissjonijiet zero sal-2050. Id-Direttiva riformulata dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (riformulazzjoni tal-EPBD, Energy Performance of Buildings Directive) <sup>(2)</sup> hija l-mekkaniżmu eżekuttiv għall-

---

<sup>(1)</sup> [\(UE\) 2023/1791](#).

<sup>(2)</sup> [\(UE\) 2024/1275](#).

istrateġija ta' "mewġa ta' rinnovazzjoni" <sup>(3)</sup>. L-għan ewlieni tagħha huwa li żżid ir-rata u l-profondità tar-rinnovazzjoni fl-UE, b'mod partikolari għall-bini bl-aġġar rendiment.

Il-valutazzjoni tal-impatt li tappoġġa l-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-miri klimatiċi għall-2040** <sup>(4)</sup> tistma li l-FEC tal-UE se jonqos minn 763 Mtoe fl-2030 għal 594-624 Mtoe sal-2040, skont ix-xenarju. Sal-2050, il-FEC se jkun naqas għal madwar 560 Mtoe. Fuq livell settorjali, hija tistma li l-iffrankar tal-enerġija fil-**bini** se jilħaq 35-38 % fid-diversi xenarji sal-2040 u 40 % sal-2050, filwaqt li l-konsum tal-enerġija fl-**industrija** se jonqos b'madwar 20 % fid-deċennju mill-2031 sal-2040 u b'seba' punti perċentwali oħra fid-deċennju mill-2041 sal-2050 (minn ċifri tal-2030).

**L-effiċjenza enerġetika hija ta' vantaġġ triplu għall-kompetittività, għall-klima u għas-sigurtà tagħna**, u toffri għadd kbir ta' benefiċċji. Bit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, mhux biss innaqqsu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils importati, iżda nnaqqsu wkoll l-emissjonijiet u nsaħħu l-indipendenza enerġetika tagħna - kull kWh iffrankat jammonta għal wieħed anqas li jeħtieġ li jiġi importat, sussidjat u/jew prodott. **L-investiment fl-effiċjenza enerġetika għandu impatt profond, b'kull euro investit fl-effiċjenza enerġetika jissarraff f'EUR 12 f'iffrankar fuq il-kostijiet tal-enerġija tul il-ħajja tal-investiment fl-akkomodazzjoni u EUR 4 fl-industrija.** Barra minn hekk, il-benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika huma estensivi, li jwasslu sa 40 % tat-tnaqqis meħtieġ tal-CO<sub>2</sub> tal-UE sal-2030, għall-ħolqien ta' 1,6 miljun impjieg u l-evitar ta' kostijiet sinifikanti tal-espansjoni tal-grilja, u dan jagħmilha strateġija vitali għal ekonomija aktar kompetittiva u sostenibbli u huma meħtieġa sforzi sinifikanti ta' investiment biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-effiċjenza enerġetika fl-Ewropa.

L-effiċjenza enerġetika hija l-ewwel fjuwil tal-Ewropa - nadif, irħis u magħmul fi ħdanha stess. F'konformità mal-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, is-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jitqiesu bħala l-ewwel għażla fid-deċiżjonijiet ta' politika, ippjanar u investiment.

**L-ilħuq tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika fl-Ewropa jirrikjedi sforz sinifikanti ta' investiment, kif enfasizzat mir-rapport Draghi, li żdied f'konformità mal-oġġettivi tal-enerġija u klimatiċi.** Ix-xenarju tal-mudell tas-Sistema tal-Ekwilibriju tas-Suq Indott mill-Prezzijiet (PRIMES, Price-Induced Market Equilibrium System) tal-pjan għall-mira klimatika għall-2040 jistma li, biex jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza enerġetika, l-investiment totali fl-effiċjenza enerġetika jeħtieġ li jammonta għal madwar EUR 370 biljun fis-sena <sup>(5)</sup> fid-deċennju mill-2021 sal-2030, meta mqabbel ma' EUR 120 biljun fis-sena fid-deċennju preċedenti. Dan jirrappreżenta żieda ta' tliet darbiet. Meta mqabbel ma' dan, l-ilħuq tal-mira tal-2030 ta' tnaqqis tal-gassijiet serra ta' 55 % bħalissa huwa stmat li

---

<sup>(3)</sup> Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja, COM/2020/662 final.

<sup>(4)</sup> [COM/2024/63 final](#).

<sup>(5)</sup> L-istima hija bbażata fuq investimenti min-naħa tad-domanda biex jintlaħqu l-miri tal-2030 għall-klima u għall-enerġija, inklużi l-miri għall-effiċjenza enerġetika iżda esklużi l-ħtiġijiet ta' investiment fit-trasport u fil-kostruzzjonijiet ġodda.

jirrikjedi investimenti ta' madwar EUR 1 241 biljun fis-sena <sup>(6)</sup>. Min-naħa tal-provvista tal-enerġija u tal-infrastruttura, il-ħtiġijiet ta' investment huma stmati għal EUR 208 biljun fis-sena <sup>(7)</sup> għall-istess perjodu ta' referenza. Wara l-2030, il-ħtiġijiet ta' investment fl-effiċjenza enerġetika huma mbagħad mistennija jonqsu bi ftit iżda jibqgħu għoljin ħafna fl-2031-2040 (EUR 303 biljun) u fl-2041-2050 (EUR 288 biljun). Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-bini, inkluż ir-rinnovazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ, se jammontaw għall-biċċa l-kbira tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-2030, għal madwar EUR 242 biljun fis-sena fl-2021-2030.

Dawn il-miri ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' regolamentazzjoni biss, iżda se jirrikjedu l-mobilizzazzjoni kemm ta' finanzjament pubbliku kif ukoll ta' finanzjament privat. **Ir-riżorsi pubbliċi limitati ma jistgħux ikopru l-ħtiġijiet kollha ta' investment**, u għalhekk irid jintalab użu aktar effiċjenti u mfassal apposta tar-riżorsi pubbliċi. Barra minn hekk, biex jiġi kkatalizzat l-investment privat u biex jitneħħielu r-riskju, irid isir użu minn prodotti finanzjarji u minn finanzjament imħallat.

Bl-għan li jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ, l-Artikolu 30 tar-riformulazzjoni tal-EED jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta:

- **l-istat kurrenti tal-appoġġ għall-finanzjament pubbliku u l-kapaċità tal-Istati Membri li jagħtu spinta lill-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika;**
- **jekk hemmx bżonn ta' mekkaniżmu tal-effiċjenza enerġetika, jew taħlita ta' għotjiet, assistenza teknika u garanziji, kollha fil-livell tal-UE**, biex jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-effiċjenza enerġetika u l-klima b'mod kosteffettiv. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, l-Artikolu 9(8) tar-riformulazzjoni tal-EPBD jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi ta':

- il-fondi strutturali u l-programmi qafas tal-UE, inkluż finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment, fis-seħħ bħalissa għat-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, speċjalment l-akkomodazzjoni, f'termini tal-effettività tagħhom, it-tipi ta' strumenti użati, l-ammonti reali u jekk il-livell ta' finanzjament huwiex xieraq;
- fondi disponibbli mill-istituzzjonijiet tal-finanzi pubbliċi f'termini tal-effettività tagħhom, it-tipi ta' strumenti u miżuri użati u jekk il-livell ta' finanzjament huwiex xieraq;
- il-koordinazzjoni tal-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali u tipi oħra ta' miżuri li għandhom l-għan li jstimulaw l-investimenti fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u jekk dan il-finanzjament huwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jkopri l-punti kollha ta' hawn fuq, fl-ordni li ġejja:

---

<sup>(6)</sup> [SWD/2023/68 final](#).

<sup>(7)</sup> [SWD/2024/63 final](#).

- Ħarsa ġenerali lejn il-finanzjament pubbliku għall-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-UE — Kapitolu 2
- Valutazzjoni tal-finanzjament pubbliku fl-UE — Kapitolu 3
- Sejbiet u konklużjonijiet ewlenin — Kapitolu 4.

## 2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FINANZJAMENT PUBBLIKU GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA U R-RINNOVAZZJONIJIET GĦALL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA FL-UE

### 2.1. Appoġġ għall-finanzjament pubbliku fil-livell tal-UE

#### 2.1.1. Appoġġ baġitarju tal-Unjoni

L-appoġġ baġitarju tal-Unjoni normalment jiġi pprovdut taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), pjan baġitarju ta' 7 snin. Il-baġit totali tal-Unjoni taħt il-QFP tal-2014-2020 ammonta għal EUR 1 083 biljun. Il-QFP għall-perjodu 2021-2027 għandu valur ta' EUR 1 211-il biljun. Barra minn hekk, sabiex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku tal-UE mill-pandemija tal-coronavirus, fl-2021 ġie stabbilit strument ta' rkupru temporanju – in-Next Generation EU, li jinkludi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) ewlenija tiegħu, b'valur totali ta' EUR 807 biljun. B'kunsiderazzjoni tal-inflazzjoni, ir-riżorsi baġitarji tal-UE għalhekk żdiedu b'86 % meta mqabbla mal-QFP ta' qabel.

Tabella 1: il-baġit tal-UE

	<b>Ammonti adottati (fi prezzijiet kurrenti)</b>
<b>QFP 2014–2020</b>	EUR 1 083 biljun
<b>QFP 2021–2027</b>	EUR 1 211 biljun
<b>Next Generation EU</b>	EUR 807 biljun
<b>RRF u QFP tal-21-27</b>	EUR 2 018 biljun

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024

Speċifikament f'termini ta' effiċjenza fl-enerġija, **il-finanzjament totali tal-UE disponibbli ġie mmultiplikat b'6,8** bejn l-2014-2020 (EUR 21 biljun) u l-2021-2027 (EUR 144,7 biljun), **li jfisser żieda mingħajr preċedent**. Kif muri fit-Tabella 2 hawn taħt, **il-finanzjament addizzjonali ġie prinċipalment mill-RRF, li jammonta għal 73,8 % tat-total**, u, fuq skala ħafna iżgħar, mill-politika ta' koeżjoni.

Tabella 2: Finanzjament għall-effiċjenza enerġetika għal kull programm tal-UE (f'EUR biljun)

	<b>2014–2020</b>	<b>2021–2027</b>	<b>Żieda (%)</b>	<b>Perċentwal tal-QFP kurrenti (%)</b>
<b>Total tal-UE</b>	<b>21,0</b>	<b>144,7</b>	<b>822</b>	<b>100,0</b>
Fondi tal-politika ta' koeżjoni	17,8	29,0	132	20,6
Fondi agrikoli	0,7	1,4	100	1,0

Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) / InvestEU	1,6	1,6	-	1,1
Programmi ddedikati għall-effiċjenza enerġetika (LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (LIFE CET, LIFE Clean Energy Transition), ELENA (European Local Energy Assistance), Orizzont Ewropa)	0,9	2,0	122	1,4
Fond għall-Modernizzazzjoni	-	6,8	-	4,8
RRF	-	103,9 <sup>(8)</sup>	-	73,8
<i>RRF għall-bini</i>	-	79,4 <sup>(9)</sup>	-	
<b>Kofinanzjament totali (Fondi ta' Koeżjoni + AGRI)</b>	<b>5,5</b>	<b>11,9</b>	<b>116</b>	
<b>Total ta' kofinanzjament tal-UE+</b>	<b>26,5</b>	<b>156,6</b>	<b>491</b>	

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024

**Proporzjon kbir tal-RRF intnefaq fuq l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini.** Mill-EUR 650 biljun <sup>(10)</sup> disponibbli, EUR 103,9 biljun, jew 16 %, intużaw biex jiffinanzjaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika, li jagħmel dan il-qasam ta' politika benefiċjarju ewlieni tal-RRF. Ta' min jinnotta li s-27 Stat Membru kollha allokaw finanzjament għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, b'allokazzjonijiet li jvarjaw minn 31 % tal-fondi disponibbli fil-Portugall għal 2 % fil-Finlandja. **L-effiċjenza enerġetika fil-bini** kopriet l-akbar sehem ta' finanzjament, li jammonta għal **EUR 79,4 biljun (fl-Istati Membri kollha)**. Minbarra l-investimenti, l-RRF qiegħed jixpruna wkoll l-isforzi ta' riforma fl-effiċjenza enerġetika, inkluż li jtejjeb

<sup>(8)</sup> Din iċ-ċifra turi l-istimi tal-kostijiet tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika taħt l-RRF immirati lejn ir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-bini kif ukoll proġetti tal-effiċjenza enerġetika fl-SMEs jew f'intrapriżi kbar ibbażati fuq data minn Settembru 2025. Din iċ-ċifra nkisbet bis-somma tan-nefqa stmata assoċjata mal-kejl trekkjat bl-oqsma ta' intervent 024/024bis/024ter/025/025bis/025ter/026/026bis kif definiti fl-[Anness VI tar-Regolament RRF](#), li jstabbilixxi metodoloġija għat-trekkjar klimatiku tal-miżuri appoġġati mill-RRF.

<sup>(9)</sup> Din iċ-ċifra turi l-istimi tal-kostijiet tal-miżuri marbuta mal-effiċjenza enerġetika u mar-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-bini koperti taħt l-RRF fuq il-bażi tad-data minn Settembru 2025. Din iċ-ċifra nkisbet bis-somma tan-nefqa stmata assoċjata mal-kejl trekkjat bl-oqsma ta' intervent 025/025bis/025ter/026/026bis kif definiti fl-[Anness VI tar-Regolament RRF](#), li jstabbilixxi metodoloġija għat-trekkjar klimatiku tal-miżuri appoġġati mill-RRF.

<sup>(10)</sup> Il-pakkett finanzjarju totali tal-RRF ġie ddeterminat għal EUR 650 biljun fl-aħħar ta' Awwissu 2024. L-ammont ta' EUR 723 biljun irrapporjat qabel kien jirrappreżenta l-ammont massimu ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF (EUR 338 biljun) u self tal-RRF (EUR 385 biljun) disponibbli mir-Regolament RRF iżda ma kienx sfruttat bis-sħiħ mill-Istati Membri.

l-oqfsa regolatorji u amministrattivi, li jistabbilixxi strateġiji fit-tul u li jipprovdi informazzjoni u taħriġ.

**Riżorsi ġodda mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System)** għenu wkoll biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment. Il-**Fond għall-Modernizzazzjoni** <sup>(1)</sup>, imfassal biex jgħin lill-Istati Membri bi dħul aktar baxx jimmodernizzaw is-sistemi tal-enerġija tagħhom u jtejbu l-effiċjenza enerġetika, huwa ffinanzjat permezz tal-bejgħ ta' 2 % tal-kwoti tal-karbonju tal-ETS għall-2021-2030. Fi tmiem l-2023, il-fond kien diġà żborża EUR 3 biljun għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri benefiċjarji, li jammonta għal kwart tal-iżborżi totali. Abbażi tax-xejra kurrenti, huwa stmat li l-iżborżi għall-effiċjenza enerġetika se jkunu laħqu EUR 6,8 biljun sa tmiem l-2027.

**Ir-riżorsi l-ġodda mill-RRF u mill-ETS jammontaw għal 89 % ta' din iż-żieda.** Iż-żewġ strumenti huma esklużivament ġestiti mill-Istati Membri.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-fondi disponibbli tal-UE żdiedu bi 62 %, minn EUR 21 biljun għal EUR 34 biljun (bl-esklużjoni tar-riżorsi mill-RRF ta' EUR 103,9 biljun u l-fondi tal-ETS ta' EUR 6,8 biljun). Dan jikkorrispondi għal kontribuzzjoni annwali mill-baġit tal-Unjoni ta' EUR 4,8 biljun mill-2021 sal-2027, li tiżdied għal EUR 20,7 biljun jekk jiġu inklużi l-RRF u l-Fond għall-Modernizzazzjoni.

**Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni** disponibbli żdiedu wkoll b'mod partikolari, billi effettivament irduppljaw minn EUR 17,8 biljun għal EUR 29 biljun fil-perjodu mill-2021 sal-2027, u barra minn hekk ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu l-għan li jirdoppja l-finanzjament ta' koeżjoni għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni wrew li huma għodda ta' suċċess biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati f'diversi Stati Membri, u għenu biex jimmobilizzaw investimenti privati għar-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-prattika, fejn huwa importanti li jiġi nnotat użu dejjem akbar ta' strumenti finanzjarji rotanti għall-effiċjenza enerġetika (self u garanziji kkombinati ma' għotjiet).

---

(<sup>1</sup>) [Fond għall-Modernizzazzjoni.](#)

**Il-Fond Soċjali għall-Klima** se jibda mill-2026, meta l-RRF ikun qiegħed jiġi eliminat gradwalment. Il-fond inġoloq fl-istess ħin li l-ETS ġiet estiża biex tkopri l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil fil-bini, fit-trasport bit-triq u f'setturi oħra. Dan se jipprovdi finanzjament li jammonta għal EUR 86,7 biljun, li għandu jiġi kondiviż bejn l-Istati Membri biex jappoġġa l-miżuri strutturali, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-bini, it-tisħin u t-tkessiħ nodfa, l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà b'emissjonijiet zero u baxxi.

**Il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEEF, European Energy Efficiency Fund): sħubija pubblika-privata għall-effiċjenza enerġetika**

Stabbilit fl-2011, l-EEEEF huwa veikolu ta' investiment pubbliku-privat u fit-tul imfassal biex jappoġġa l-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-UE. Il-fond jipprovdi finanzjament iddedikat lil awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew lil entitajiet pubbliċi jew privati li jaġixxu f'isimhom, bil-għan li jaġħti spinta lill-iffrankar tal-enerġija u lill-effiċjenza enerġetika u jipromwovi sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-UE.

Il-fond, li ħallas dividendi kull sena mill-2013, għandu bażi ta' azzjonisti differenti, li tinkludi istituzzjonijiet kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat, inkluża l-Kummissjoni Ewropea, li kkontribwiet kapital ta' riskju, Ġenerali, Stichting Achmea Algemeen Pensioenfonds, DBU u DWS/Wepla.

B'investimenti totali ta' madwar EUR 180 miljun, l-EEEEF appoġġa 18-il proġett f'10 pajjiżi Ewropej, li jinvolvu 56 awtorità pubblika u li jilhqun lil aktar minn 2 miljun persuna kull sena. Il-fond kiseb riżultati sinifikanti mill-varar tiegħu, u jiġġenera aktar minn EUR 380 miljun f'investimenti totali. Huwa appoġġa firxa ta' proġetti, inkluż ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku, it-titjib tad-dwal fit-toroq, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u infrastruttura tat-trasport nadifa. Il-faċilità ta' assistenza teknika tal-fond kellha wkoll rwol kritiku biex tgħin fit-tnejn ta' proġetti li jwasslu għal iffrankar sinifikanti tal-enerġija u għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Sa tmiem l-2021, il-fond kien kiseb iffrankar kumulattiv tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' 740 460 tunnellata u ffrankar tal-enerġija primarja ta' 1 318 549 MWh.

L-EEEEF huwa eżempju tajjeb ta' sħubija pubblika-privata ddedikata fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, li juri l-potenzjal ta' finanzjament imħallat biex jinġrana l-kapital pubbliku tal-UE u biex jattira l-investiment privat. Id-disinn tal-fond, li jikkombina finanzjament konċessjonali, assistenza teknika u għarfien espert tas-settur, ippermetta l-implimentazzjoni ta' proġetti b'impatt għoli b'inputs kapitali tal-UE relattivament modesti.

*2.1.2. L-appoġġ tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment inkluż meta jkun appoġġat mill-baġit tal-Unjoni*

Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment ("EIBG", European Investment Bank Group) <sup>(12)</sup>, bħala l-bank klimatiku tal-UE u s-sieħeb ta' implimentazzjoni ewlieni għall-fondi tal-UE, għandu rwol essenzjali fil-finanzjament tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

<sup>(12)</sup> Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

Kif stabbilit fil-pjan direzzjonali tal-bank klimatiku tiegħu <sup>(13)</sup> u b'segwitu għall-istrateġija mewġa ta' rinnovazzjoni għas-settur tal-bini, l-istrateġija tiegħu għall-effiċjenza enerġetika tinkludi self u garanziji intermedjati kif ukoll servizzi ta' konsulenza (Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU <sup>(14)</sup>, b'mod partikolari l-faċilità ELENA <sup>(15)</sup>).

B'riżultat ta' dan, **ir-riżorsi ddedikati għall-effiċjenza enerġetika ġew immultiplikati bi 12,2 mill-2012 sal-2023**. Il-finanzjament tal-Grupp tal-BEI mar l-aktar għas-settur tal-bini, u għal apparati u soluzzjonijiet intelliġenti, f'konformità mal-istrateġija stabbilita fil-pjan direzzjonali.

Min-naħa l-oħra, il-finanzjament baqa' baxx għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), għall-industrija, għall-produzzjoni ta' elettriku u sħana fl-istess ħin ("CHP", Combined Heat and Power) u għat-tisħin distrettwali ("DH", District Heating). F'Settembru 2025, il-**Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni nedew l-inizjattiva dwar l-effiċjenza enerġetika għall-SMEs**, parti mill-pjan direzzjonali strateġiku tal-BEI <sup>(16)</sup> għall-2024-2027. Din l-inizjattiva se tipprovdi EUR 17,5 biljun f'finanzjament mill-2025 sal-2027, bl-għan li kważi tirdoppja l-livell kurrenti ta' appoġġ għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija għall-SMEs <sup>(17)</sup>.

Il-Fond Ewropew tal-Investment ("FEI") huwa sostenitur fit-tul ta' teknoloġiji nodfa, u jipprovdi investimenti ta' kapital ta' riskju u jintroduċi inizjattivi bħal garanzija parzjali tar-riskju għall-promozzjoni ta' self ekoloġiku għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli. Permezz tal-programm InvestEU, il-FEI kompli jintensifika l-fokus tiegħu fuq il-finanzjament ta' proġetti li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, il-mobbiltà sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari, b'investment totali ta' madwar EUR 4,1 biljun sal-2025.

*Tabella 3: Finanzjament tal-Grupp tal-BEI għall-effiċjenza enerġetika fl-UE (f' miljuni ta' EUR)*

	2012	2013	2014	2015	2016	2017
Effiċjenza enerġetika (EE)	763	1 354	1 557	2 876	3 349	4 613
	2018	2019	2020	2021	2022	2023
Effiċjenza enerġetika (EE)	2 421	4 289	5 273	4 539	7 624	9 326

Sors: Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, 2024

Innota li dawn iċ-ċifri jinkludu riżorsi mill-baġit tal-Unjoni implimentati mill-Bank Ewropew tal-Investment ("BEI") - wieħed mis-sħab ta' implimentazzjoni ewlenin għall-fondi tal-UE – u mill-banek promozzjonali u tal-iżvilupp nazzjonali ("NPBIs", National

<sup>(13)</sup> [EIB Group Climate Bank Roadmap 2021-2025](#) u [EIB Group Climate Bank phase 2 2026-2030](#).

<sup>(14)</sup> [https://investeu.europa.eu/investeu-programme/investeu-advisory-hub\\_en](https://investeu.europa.eu/investeu-programme/investeu-advisory-hub_en).

<sup>(15)</sup> <https://www.eib.org/en/products/advisory-services/elena/index>.

<sup>(16)</sup> [EIB Group 2024-2027 Strategic Roadmap](#)

<sup>(17)</sup> [L-effiċjenza enerġetika tal-BEI fl-Inizjattiva tal-SMEs](#)

Promotional and Development Banks). Għalhekk, dawn ma għandhomx jiżdiedu maċ-ċifri ppreżentati fit-taqsimha preċedenti. Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-programm ta' garanzija InvestEU kif ukoll ELENA. Madankollu, iċ-ċifri jenfasizzaw iż-żieda b'aktar minn 12-il darba fl-investimenti tal-grupp tal-BEI fl-effiċjenza enerġetika mill-2012.

## 2.2. Appoġġ għall-finanzjament pubbliku fil-livell tal-Istati Membri

Il-Kummissjoni wettqet analiżi minn isfel għal fuq tal-iskemi ta' finanzjament pubbliku. L-Istati Membri mbaġħad ġew ikkonsultati (i) permezz ta' sejħa għall-evidenza <sup>(18)</sup> u (ii) permezz tal-Grupp ta' Esperti tal-EED. Dan ir-rapport huwa bbażat l-aktar fuq id-data miġbura direttament mill-Istati Membri, filwaqt li data oħra mill-analiżi, fejn kienet disponibbli, intużat biex timla kwalunkwe lakuna.

B'kollox, ġew identifikati 426 skema ta' finanzjament pubbliku fis-27 Stat Membru.

Jeħtieġ li jiġi ssottolinjat li, peress li d-data dwar l-effiċjenza enerġetika ma tinġabarx sistematikament taħt skemi ta' finanzjament pubbliku, dawn huma biss stimi indikattivi.

**Ħafna skemi nazzjonali huma kofinanzjati minn programmi tal-UE.** 103 skemi rċewew kofinanzjament mill-programmi tal-UE, parzjalment jew kompletament. F'termini kemm tal-għadd kif ukoll tal-volum tal-iskemi, l-RRF kien il-kontributor ewlieni. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE rrapportati ta' EUR 28,8 biljun ġew skontati mit-total biex jiġi evitat għadd doppju bejn l-iskemi ta' finanzjament tal-UE u daww nazzjonali <sup>(19)</sup>.

Ma waslet l-ebda data baġitarja għal 80 skema, għalhekk il-valutazzjoni hija bbażata fuq data għal 346 skema madwar l-Ewropa. **L-appoġġ għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika mill-baġits nazzjonali fl-2014-2024 huwa stmat għal EUR 360 biljun <sup>(20)</sup>, jiġifieri madwar EUR 32,7 biljun fis-sena.** Id-distribuzzjoni tal-baġit skont l-Istat Membru tintwera hawn taħt.

*Graff 1 / Tabella 4: Skemi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika, 2014-2024*


---

<sup>(18)</sup> [Effiċjenza enerġetika – valutazzjoni tal-livell ta' finanzjament tal-UE u nazzjonali](#).

<sup>(19)</sup> Fil-kontribuzzjoni tagħhom, l-Istati Membri rrapportaw total ta' EUR 28,8 biljun bħala kontribuzzjoni tal-UE għall-iskemi ta' finanzjament nazzjonali implimentati.

<sup>(20)</sup> EUR 388,7 biljun nieqes EUR 28,8 biljun li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-UE rrapportati.

### Għadd ta' skemi u valur skont l-Istat Membru



Stati Membri	Għadd ta' skemi	Baġit totali ppjanat (f' miljuni ta' EUR)	EUR per capita
L-Italja	8	134 465	2 284
L-Iżvezja	7	22 067	2 104
Franza	14	125 711	1 850
L-Awstrija	16	14 537	1 608
Iċ-Ċekja	24	15 697	1 491
Id-Danimarka	9	5 720	969
Il-Ġermanja	15	80 563	958
Il-Finlandja	10	5 186	933
<b>EU-27</b>	<b>426</b>	<b>388 654</b>	<b>864</b>
L-Estonja	13	1 137	849
Il-Polonja	34	26 655	710
Il-Latvja	21	1 171	623
In-Netherlands	10	9 467	528
Il-Kroazja	11	1 877	488
Il-Belġju	25	5 684	487
Il-Portugall	12	4 967	479
Is-Slovakkja	14	2 365	436
Il-Litwanja	9	1 084	383
Il-Greċja	7	4 032	381
Il-Lussemburgu	10	236	363
Il-Bulgarija	15	2 332	360
Ċipru	9	361	289
Malta	16	146	279
Spanja	62	10 663	224
L-Ungerija	35	1 931	199

Is-Slovenja	7	331	157
L-Irlanda	6	172	26
Ir-Rumanija	7	263	14

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024. Klassifikazzjoni bbażata fuq EUR *per capita*.

Fost l-Istati Membri l-aktar kbar, l-Italja u Franza jispikkaw b'livelli għoljin ta' appoġġ. Taħt is-*Superbonus* tal-Italja, il-benefiċjarji rċevew sussidju ta' 110 % fil-forma ta' krediti tat-taxxa. Fi Franza, rata mnaqqsa tal-VAT għax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni (5,5 %), fis-seħħ mill-2014, kienet stmata li ġiet tiswa EUR 90 biljun mill-varar tagħha, li jammontaw għal tliet kwarti mill-infiq Franċiż.

L-għotjiet, l-assistenza teknika u r-rifużjonijiet tat-taxxa huma forom ta' appoġġ **mhux ripagabbli**, li jfisser li dawn ir-riżorsi jistgħu jiġu pprovduti lill-benefiċjarji darba biss u ma jerġgħux imorru lura fil-baġit nazzjonali. L-appoġġ mhux ripagabbli għandu jimmira l-aktar lil benefiċjarji vulnerabbli li jsibu diffikultà biex iħallsu lura l-appoġġ, jew minħabba nuqqas ta' riżorsi jew inkella minħabba sitwazzjoni ta' kompetizzjoni iebsa ma' spejjeż oħra. Min-naħa l-oħra, il-fondi riċevuti taħt skemi ripagabbli, li jinkludu strumenti finanzjarji bħal self, garanziji u ekwità, iridu jitħallsu lura lill-korpi ta' implimentazzjoni nazzjonali jew reġjonali u, fil-każ ta' fondi rotanti, jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet suċċessivi. L-appoġġ ripagabbli għandu t-tendenza li jkollu potenzjal ta' ingranaġġ oġġla. Hemm ukoll skemi mħallta li joffru taħlita ta' appoġġ kemm ripagabbli kif ukoll mhux ripagabbli. Dawn huma adatti b'mod partikolari biex jiskattaw deċiżjonijiet ta' investiment mill-benefiċjarji minħabba l-komponent tas-sussidju tagħhom (eż. appoġġ tekniku bla ħlas jew awditi tal-enerġija, kundizzjonijiet ta' self preferenzjali, ribassi kapitali, rati tal-imgħax jew sussidji ta' tariffi ta' garanzija).

Tabella 5: *Diżaggregazzjoni tal-iskemi nazzjonali skont il-forma ta' appoġġ*

Tip ta' skema	Għadd ta' skemi	Volum (f'miljuni ta' EUR)	Sehem mill-volum (%)
Mhux ripagabbli	285	248 046	63,8 %
Skema mħallta	36	91 815	23,6 %
Ripagabbli	69	41 621	10,7 %
Oħra	36	7 172	1,8 %
<b>TOTAL</b>	<b>426</b>	<b>388 654</b>	


Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024

**L-Istati Membri ntalbu jipprovdu data biss għall-aktar skemi rilevanti.** Il-biċċa l-kbira tagħhom irrapportaw inqas minn 20, iżda 6 Stati Membri rrapportaw għadd akbar jew minħabba li hemm subprogrammi distinti ta' programmi fuq skala kbira (iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja) jew minħabba li l-programmi tal-effiċjenza enerġetika huma ġestiti b'mod reġjonali (il-Belġju, Spanja).

**L-Istati Membri prinċipalment jagħżlu skemi mhux ripagabbli.** Filwaqt li l-appoġġ mhux ripagabbli spiss jikkonsisti f'għotjiet, diversi Stati Membri kbar (Franza, il-Ġermanja, l-Italja) prinċipalment jużaw rifużjonijiet tat-taxxa. L-istrumenti finanzjarji



(skemi ripagabbli) jammontaw għal aktar minn 30 % tal-finanzjament f'5 Stati Membri biss (il-Belġju, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Finlandja u l-Portugall), filwaqt li l-iskemi mħallta jintużaw b'mod wiesa' fi 3 Stati Membri biss (l-Awstrija, id-Danimarka u l-Ġermanja).

*Graff 2: Diżaggregazzjoni tal-baġit tal-iskemi nazzjonali skont il-forma ta' appoġġ – diżaggregazzjoni nazzjonali*



**Biex tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri fil-biċċa l-kbira għamlu użu mir-riżorsi tagħhom biex jiffinanzjaw programmi ta' għotjiet.** Sal-2019, l-għadd ta' skemi ġodda tal-effiċjenza enerġetika stabbiliti kull sena varja bejn 10 u 25, iżda bejn l-2020 u l-2023, l-Istati Membri ħolqu mhux inqas minn 205 skemi ġodda (bejn 34 u 67 fis-sena) l-aktar minħabba l-implimentazzjoni tal-RRF. Ħafna minn dawn kienu fil-forma ta' għotjiet (116), segwiti minn strumenti finanzjarji (25). F'termini ta' volum, l-għotjiet ammontaw għal EUR 56,4 biljun u l-istrumenti finanzjarji ammontaw għal EUR 16,5 biljun. Fost l-iskemi l-ġodda, 48 minnhom kienu mmirati lejn bini residenzjali għal total ta' EUR 95,4 biljun, li huwa 55,6 % tal-volum totali allokat għal skemi ġodda f'dan il-perjodu (EUR 171,5 biljun).

Graffs 3 u 4 / Tabella 6: Diżaggregazzjoni tal-iskema nazzjonali u tal-baġitt skont id-data tal-varar (f' miljuni ta' EUR)



<b>Data tal-varar</b>	<b>Mhux ripagabbli</b>	<b>Skema mħallta</b>	<b>Ripagabbli</b>	<b>Oħra</b>
2015	2 774	13	4 878	27
2016	4 421	-	8 050	-
2017	1 865	-	963	-
2018	20 645	252	566	-
2019	3 998	-	1 100	227
2020	51 887	-	381	213
2021	22 380	55 382	333	1 024
2022	13 576	2 476	2 696	164
2023	5 303	2 362	13 083	239
2024	1 481	334	280	-

### 3. VALUTAZZJONI TAL-FINANZJAMENT PUBBLIKU MINN SORSI TAL-UE U NAZZJONALI

#### 3.1. Valutazzjoni tal-ingranaġġ

##### 3.1.1. Effett multiplikatur u ingranaġġ tal-programmi tal-UE

Tabella 7: Baġit tal-UE u ingranaġġ (f' miljuni ta' EUR)

	Baġit tal-UE A	Kofinanzjament nazzjonali B	Investimenti totali C	Ingranaġġ (A+B)/A	Multiplikatur totali C/A
Fondi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020	12 540	5 244		1,4	Mhux applikabbli
Fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027	24 986	11 275		1,5	Mhux applikabbli
Fondi tal-politika agrikola 2014-2022	710		1 695		2,4
Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	103 921				Mhux applikabbli
Fond għall-Modernizzazzjoni	3 085				Mhux applikabbli
LIFE CET (Sejħiet tal-2021 u l-2022)	216		8 640		40,0
ELENA	295		9 662		32,8
Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)	1 624		25 400		15,6
InvestEU	624		9 915		15,9

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024 u 2025

**Il-programmi tal-UE bi proporzjon sinifikanti ta' għotjiet għandhom ingranaġġ limitat fuq l-effiċjenza enerġetika.** L-ingranaġġ tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni huwa taħt il-1,5, li jfisser li kull euro mill-baġit tal-Unjoni jattira 50 ċenteżmu addizzjonali ta' kofinanzjament nazzjonali. Il-multiplikatur totali ma jistax jiġi kkalkolat peress li ma huwiex possibbli li jiġi pprovdut valur aggregat għall-investimenti totali inkluż il-finanzjament privat.

Fir-rigward tal-fondi agrikoli, il-multiplikatur totali huwa stmat għal 2,4 għall-perjodu mill-2014 sal-2022. Il-multiplikatur tal-RRF u tal-Fond għall-Modernizzazzjoni huwa diffiċli li jiġi stmat minħabba nuqqas ta' data, iżda peress li l-biċċa l-kbira tal-fondi

nazzjonali jkopru biss porzjon tal-investment totali (minn 20 % sa 100 %), il-multiplikatur pubbliku totali jista' għalhekk jiġi stmat għal 2 sa 3.

**Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jħeġġu l-użu ta' strumenti finanzjarji, b'riżultati mixhuda bi prova.** Skont il-QFP kurrenti, ġew allokati EUR 18,5 biljun għal strumenti finanzjarji, li minnhom, 24 % għandhom jiġu allokati għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika (EUR 4,3 biljun). Għalkemm il-kategorizzazzjoni tal-partiti tal-infiq hija differenti bejn iż-żewġ perjodi tal-QFP, dan ifisser li l-allokazzjonijiet tal-fondi ta' koeżjoni għall-istrumenti finanzjarji kważi ttriplikaw meta mqabbla mal-2014-2020 (EUR 1,6 biljun) <sup>(21)</sup>. Skont il-fondi tal-politika ta' Koeżjoni, maġġoranza tal-Istati Membri huma mħeġġa jużaw **kombinazzjonijiet ta' għotjiet u strumenti finanzjarji f'operazzjoni waħda**. Madankollu, dan ma jseħħx b'mod sistematiku fl-Istati Membri kollha u l-iskala spiss tkun għadha ma ntlaħqitx.

Ma hemm l-ebda data preċiża għal kull objettiv tematiku skont is-suġġett (jiġifieri l-effiċjenza enerġetika), iżda fl-2014-2020, l-istrumenti finanzjarji taħt il-fondi tal-politika ta' Koeżjoni kisbu ingranaġġ ta' 3,8 fis-setturi kollha, li huwa ogħla b'mod konsiderevoli mill-valur medju għall-politika ta' koeżjoni ta' 1,4. L-istrumenti finanzjarji ingranaw kapital privat addizzjonali ugwali għal 15 % tal-baġit tal-politika ta' Koeżjoni fl-2014–2020. **Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-BEI toffri wkoll varjetà ta' appoġġ tekniku biex thegheg l-użu ta' strumenti finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika**, bħall-Mudell tal-istrument finanzjarju għall-effiċjenza enerġetika (EEFI, Energy Efficiency Financial Instrument) <sup>(22)</sup>, il-pjattaforma Fi-compass u l-Inizjattiva Scale-up għall-Effiċjenza enerġetika <sup>(23)</sup>, il-Koeżjoni għat-Tranżizzjonijiet (C4T, Cohesion For Transitions) <sup>(24)</sup>.

**Il-programmi tal-UE li joffru assistenza teknika, garanziji u miżuri ta' użu tas-sug għandhom ingranaġġ għoli ħafna.** B'mod partikolari, il-faċilità ELENA, li tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil proġetti lokali tal-enerġija u tal-mobbiltà, li titlob ingranaġġ

---

<sup>(21)</sup> [Financial instruments under cohesion policy 2021-2027 | Cohesion Open Data](#).

<sup>(22)</sup> L-EEFI huwa mudell flessibbli li joffri gwida prattika għall-Istati Membri tal-UE dwar kif faċilment jistabbilixxu strument finanzjarju orjentat lejn is-sug ikkombinat ma' għotja biex jipprovdu finanzjament u appoġġ konsultattiv għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika (akkomodazzjoni, SMEs). B'mod kruċjali, il-mudell joffri perkors lejn l-ingranaġġ tal-fondi disponibbli permezz tal-baġit tal-UE, biex jimmobilizza riżorsi addizzjonali minn banek kummerċjali u minn investituri privati għal skemi bħal dawn, [Investimenti fl-effiċjenza enerġetika taħt ir-REPowerEU](#).

<sup>(23)</sup> [fi-compass | L-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża tal-UE](#) joffru assistenza teknika lill-awtoritajiet maniġerjali, u jgħinuhom iwettqu studji ta' fattibbiltà, valutazzjonijiet *ex ante*, studji tal-każijiet u ħidma preparatorja oħra meħtieġa biex jiġu stabbiliti l-istrumenti finanzjarji. Bħala parti mill-pjattaforma Fi-compass, [Scale-Up: energy efficiency financial instruments](#) tlaqqa' flimkien esperti minn diversi istituzzjonijiet biex jindirizzaw l-ostakli fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-effiċjenza enerġetika u jipproponu soluzzjonijiet. Il-gruppi ta' ħidma bbażati fuq il-kompiti se jiżviluppaw strateġiji biex itejbu u jżidu l-istrumenti finanzjarji tal-effiċjenza enerġetika billi jużaw l-aħjar prattiki u għarfien espert minn madwar il-pajjiżi tal-UE.

<sup>(24)</sup> [Inforegio - Apply for C4T GROUNDWORK – technical assistance for Cohesion Policy investments](#) Dan jipprovdi appoġġ espert lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali tal-UE u jgħinuhom fl-implimentazzjoni tal-investimenti fil-Politika ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' Politika 2 (PO2, Policy Objective 2), inkluż dawk li jiffukaw fuq l-effiċjenza enerġetika. Is-servizzi ta' appoġġ jinkludu l-iżvilupp ta' strateġiji, it-titjib tal-monitoraġġ, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' finanzjament.

minimu ta' 10-20 mill-benefiċjarji tal-proġetti (skont is-settur), qabżet il-mira tagħha bil-bosta b' medja ta' 32.

Issa ġestita taħt il-programm InvestEU, ELENA użat b'suċċess ir-riżorsi tal-UE bħala kapital inizjali għall-portafolli ta' investiment lokali f'25 minn 27 Stat Membru. Inkiseb ingranaġġ għoli ta' 40 mis-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (LIFE CET, LIFE Clean Energy Transition), li jinkludi rekwiżiti ta' kofinanzjament u li jappoġġa l-adozzjoni tas-suq, l-iżvilupp tal-proġetti u approċċi innovattivi bħall-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji pilota.

**Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)**, segwit minn InvestEU mill-2021, huwa **strument ta' garanzija intermedjat** li għandu l-għan li jnaqqas id-diskrepanza fl-investiment fl-Ewropa billi jattira finanzjament privat għal proġetti f'oqsma bħall-innovazzjoni, l-infrastruttura, l-iżvilupp soċjali u tal-ħiliet u l-appoġġ għall-SMEs. Dan sar l-akbar veikolu għal investimenti taħt il-baġit tal-Unjoni, bl-għan li jingrana kważi EUR 900 biljun mill-2014 sal-2027. L-FEIS kiseb ingranaġġ ta' 15,6, li huwa mistenni li jintlaħaq minn InvestEU.

### 3.1.2. Effett multiplikatur tal-programmi ta' finanzjament nazzjonali

**Id-data multiplikatur hija nieqsa għall-biċċa l-kbira tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali.** Madankollu, hemm data dwar l-investiment privat ingranat mir-riżorsi nazzjonali għal 71 skema bħal dawn.

Tabella 8: Ingranaġġ tal-iskemi tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali

	Għadd ta' skemi	Implementati	Privat	Total	Multiplikatur
<b>Ġenerali, li minnhom:</b>	71	36 394	56 045	92 019	2,5
Mhux ripagabbli	58	30 651	40 037	70 268	2,3
Skemi mħallta + ripagabbli	13	5 743	16 008	21 751	3,8
<i>Ripagabbli</i>	<i>8</i>	<i>902</i>	<i>11 478</i>	<i>12 381</i>	<i>13,7</i>

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024

Il-multiplikatur globali muri fit-tabella ta' hawn fuq jaħbi differenzi sinifikanti bejn l-istrumenti użat. **L-iskemi mhux ripagabbli għandhom multiplikatur medju ta' 2,3**, li jista' jinftiehem ukoll bħala intensità medja tal-għotjiet ta' madwar 30 %. Madankollu, l-ingranaġġ tal-investiment privat jiżdied għal 2,4 fejn hemm kofinanzjament tal-UE, li jissuġġerixxi li l-kontribuzzjonijiet ta' finanzjament tal-UE għandhom l-effett li jattiraw aktar investimenti privati.

Skont id-data disponibbli, il-finanzjament tal-UE għandu t-tendenza li mhux biss jissostitwixxi l-finanzjament nazzjonali iżda wkoll li jnaqqas ir-rekwiżiti ta' kofinanzjament. Spjegazzjoni għal dan tista' tkun li billi tiżdied l-intensità tal-għotja ta' programm partikolari, il-kofinanzjament tal-UE jnaqqas il-ħtieġa li l-benefiċjarji finali jikkoinvestu. Fl-istess waqt, l-għotjiet għas-settur tal-bini, kemm jekk fil-forma ta'

finanzjament mill-UE kif ukoll jekk nazzjonali, huma effettivi meta jkunu mmirati lejn sidien speċifiċi (unitajiet domestiċi b'introjtu baxx/SMEs), segmenti tal-bini (bini bl-aġhar rendiment) jew rinnovazzjonijiet aktar profondi li jirrikjedu investimenti sostanzjali.

Għall-istrumenti finanzjarji, il-multiplikatur huwa aktar diffiċli biex jiġi vvalutat peress li jista' jiġi kkalkolat biss fuq il-baġit eżegwit, jiġifieri ladarba l-investimenti jkunu saru. **Il-multiplikatur tal-iskemi ripagabbli huwa stmat għal kważi 14**, li huwa f'konformità mal-effett multiplikatur osservat għal InvestEU. Madankollu, il-volum ta' strumenti finanzjarji li għalihom hemm data affidabbli huwa limitat ħafna (EUR 900 miljun ta' fondi żborżati fuq 10 snin).

Bħala konklużjoni, u minħabba l-eteroġeneità tad-data disponibbli, huwa **diffiċli li jiġi kkwantifikat b'akkuratezza l-effett multiplikatur ġenerali tal-finanzjament pubbliku fl-Istati Membri**. Madankollu, jista' jiġi preżunt li l-għotjiet normalment jiġġeneraw effett multiplikatur ta' madwar 3.

### 3.2. Kif il-finanzjament pubbliku jitqabbel mal-ħtiġijiet ta' investiment

Il-mudell PRIMES użat mill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjonijiet tal-impatt u tanalizza għażliet ta' politika għas-settur tal-enerġija, stima li se jkollhom jiġu investiti madwar EUR 370 biljun kull sena mill-2021 sal-2030 biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 <sup>(25)</sup>. Għas-settur tal-bini waħdu, il-ħtiġijiet ta' investiment huma stmati għal EUR 242 biljun fis-sena fid-deċennju kurrenti, li minnhom EUR 180 biljun huma maħsuba għar-rinnovazzjoni enerġetika ta' bini residenzjali u EUR 62 biljun għar-rinnovazzjoni enerġetika ta' bini tas-servizz (mhux residenzjali).

Ir-rapport tal-2024 dwar l-effiċjenza enerġetika tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) <sup>(26)</sup> jistma li bħala medja, madwar EUR 200 biljun ġew investiti fl-effiċjenza enerġetika fl-Ewropa kull sena mill-2021 sal-2023. Għalhekk, meta jitqabblu l-ħtiġijiet ta' investiment mal-investimenti mwettqa fl-UE matul dak il-perjodu, kif stmat mill-AIE, id-**diskrepanza fl-investiment li jehlieg li timentela biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 tammonta għal EUR 170 biljun fis-sena**.

Id-daqs tad-diskrepanza fl-investiment ipproġettata huwa proporzjonat ma' stimi oħra mill-I4CE (Institute for Climate Economics) <sup>(27)</sup> u minn Bruegel <sup>(28)</sup>. L-I4CE jistma diskrepanza fl-investiment ta' EUR 137 biljun fis-sena b'referenza għall-2022, u Bruegel tistma diskrepanza fl-investiment ta' EUR 149 biljun fis-sena speċifikament għas-settur tal-bini.

---

<sup>(25)</sup> L-istima hija bbażata fuq l-investimenti min-naħa tad-domanda meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-2030 għall-klima u għall-enerġija skont ix-xenarju tal-mudell PRIMES għall-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2040, inkluż il-miri għall-effiċjenza enerġetika iżda esklużi l-ħtiġijiet ta' investiment fit-trasport u f'kostruzzjonijiet ġodda.

<sup>(26)</sup> Ir-Rapport dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-AIE għall-2024, <https://iea.blob.core.windows.net/assets/f304f2ba-e9a2-4e6d-b529-fb67cd13f646/EnergyEfficiency2024.pdf>.

<sup>(27)</sup> Institute 4 Climate Economics (I4CE), European Climate Investment Deficit Report, sors: [20240222-i4ce3859-Panorama-EU\\_VA-40p.pdf](https://www.i4ce.eu/2024/02/20240222-i4ce3859-Panorama-EU_VA-40p.pdf).

<sup>(28)</sup> Bruegel, How to finance the European Union's building decarbonisation plan, sors: [PB 12 2024.pdf](https://www.bruegel.org/publications/pb-12-2024).

Tabella 9: Il-ħtiġijiet annwali ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika u d-diskrepanza fl-investiment, 2021-2030 (f'EUR biljun)

	<b>Ħtiġijiet ta' investiment</b>	<b>Diskrepanza fl-investiment</b>
Effiċjenza enerġetika	370	170
Bini	242	149

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024, Bruegel

Fil-Kapitolu 2 ta' hawn fuq, il-finanzjament tal-UE kien stmat għal EUR 20,6 biljun fis-sena u l-finanzjament tal-Istati Membri għal EUR 32,7 biljun fis-sena. Għalhekk, huwa possibbli li jitqies li EUR 53,3 biljun ta' fondi pubbliċi jiġu allokatu għall-effiċjenza enerġetika, jiġifieri madwar wieħed minn sitta (14,4 %) tal-ħtiġijiet ta' investiment totali.

### 3.3. Iffrankar tal-enerġija miksub

#### 3.3.1. Programmi tal-UE <sup>(29)</sup>

**Ir-rapportar tal-iffrankar tal-enerġija skont il-qafas finanzjarju tal-UE jvarja b'mod konsiderevoli skont ir-rekwiżiti ta' kull programm.** Ma hemm l-ebda metodu standard ta' trekkjar jew ta' rapportar tal-iffrankar tal-enerġija bħala riżultat tal-finanzjament tal-UE. Barra minn hekk, ir-rapportar ma huwiex uniformi għal għadd ta' raġunijiet, inkluż rapportar mhux komplut u mdewwem u l-fatt li xi ffrankar tal-enerġija ma jiġi rrapportat xejn, pereżempju meta l-proġetti jkollhom impatt fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija iżda l-oqsma ta' intervent baġitarju tagħhom ma jiġux immarkati taħt "effiċjenza enerġetika".

**Għalhekk, ma huwiex possibbli li l-progress jiġi traċċat u li jitkejlu l-impatt u l-effiċjenza globali f'termini ta' ffrankar tal-enerġija għal kull euro tal-baġit tal-Unjoni li jintnefaq fuq l-effiċjenza enerġetika.**

**Bħala eżempju ta' Prattika tajba**, għall-faċilità ELENA, il-benefiċjarji huma meħtieġa jistmaw u jirrapportaw l-iffrankar tal-enerġija ġġenerat mill-proġetti tagħhom. Dan ilu l-każ sa minn meta tnedja l-programm fl-2009.

Tabella 10: Iffrankar tal-enerġija stmat għal kull fond

<b>Skema</b>	<b>Iffrankar tal-enerġija annwali stmat (MWh*)</b>
Fondi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020	7 926 050
Fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027	Mhux applikabbli
Fondi tal-politika agrikola 2014-2022	Mhux applikabbli
LIFE CET 2021-2027 <sup>(30)</sup>	8 344 000
ELENA	4 936 030

<sup>(29)</sup> [EU core performance indicators\\_15\\_07\\_0.pdf](#)

<sup>(30)</sup> Mira stmata sal-2030.

InvestEU <sup>(31)</sup>	230 736
Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <sup>(32)</sup>	33 388 511
Fond għall-Modernizzazzjoni	26 886 804

\*Megawatt fis-siegħa

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2024

Abbażi tad-data disponibbli, sa tmiem l-2023, l-iffrankar tal-enerġija annwali miksub permezz tal-fondi tal-UE ammonta għal 81,9 TWh, li huwa ekwivalenti għal madwar 6 % tal-isforz addizzjonali meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika għall-2030. Madankollu, għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, iċ-ċifra hija bbażata fuq data mhux kompluta u ma tirrappreżentax l-impatt reali tal-finanzjament tal-UE.

### 3.3.2. Programmi nazzjonali

**Id-data dwar l-iffrankar tal-enerġija hija rrapportata b'mod mhux uniformi.** Fi 3 Stati Membri (id-Danimarka, l-Irlanda u Spanja) aktar minn 80 % tal-iskemi jirrapportaw iffirankar tal-enerġija, filwaqt li ma hemm l-ebda rapportar fi 8 Stati Membri. B'kollox, 135 skema madwar l-Ewropa biss jirrapportaw iffirankar tal-enerġija.

**Ma hemm l-ebda metodu standard għar-rapportar tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika.** L-iffirankar tal-enerġija jista' jew jiġi stmat *ex ante* jew jiġi rrapportat *ex post*. Il-biċċa l-kbira tal-iskemi (95 minn 137) jirrapportaw id-data tal-konsum finali tal-enerġija (FEC, Final Energy Consumption), iżda 5 Stati Membri jużaw id-data tal-konsum primarju tal-enerġija (PEC, Primary Energy Consumption) u xi wħud (eż. Spanja, il-Polonja u Malta) jirrapportaw jew id-data tal-PEC jew tal-FEC skont l-iskema.


Għall-perjodu 2014-2024 kopert minn dan ir-rapport, 135 skema nazzjonali (jiġifieri inqas minn 30 %) irrapportaw data dwar l-iffirankar tal-enerġija. L-iffirankar tal-enerġija totali rrapportat ammonta għal 135 611 696,46 MWh = 135,6 TWh <sup>(33)</sup>, jiġifieri madwar 10 % tal-isforz addizzjonali meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika għall-2030.

*Graff 5 / Tabella 11: Iffirankar tal-enerġija stmat f'pajjiżi magħżula*

<sup>(31)</sup> Data rrapportata għall-2023.

<sup>(32)</sup> Indikatur komuni dwar l-iffirankar fil-konsum ta' enerġija primarja annwali kif irrapportat mill-Istati Membri fl-2024, [Recovery and Resilience Scoreboard](#).

<sup>(33)</sup> L-iffirankar annwali li nkiseb fl-2023, l-aktar sena ta' rapportar reċenti.



#### 4. SEJBIET U KONKLUŻJONIJIET EWLENIN

##### 4.1. Sejbiet ewlenin

Dan ir-rapport juri li **tul dawn l-aħħar snin sar progress konsiderevoli fil-qasam tal-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika**, u dan jirrifletti żieda sinifikanti fil-baġit tal-Unjoni. Dan il-finanzjament miżjud huwa pass kruċjali lejn l-ilħuq ta' għanijiet ta' sostenibbiltà fit-tul u l-ilħuq tad-domanda għar-rinnovazzjonijiet għar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Madankollu, stħarriġ ta' 486 skema nazzjonali żvela **l-użu limitat ta' skemi ta' finanzjament imħallta u ripagabbli**, li bħalissa jammontaw għal anqas minn 25 % tat-total. Din is-sottoutilizzazzjoni hija dovuta mhux biss għall-kumplessità ta' dawn l-iskemi meta mqabbla ma' skemi ta' sussidju bbażati fuq l-għotjiet, iżda wkoll għan-nuqqas jew għall-kapaċità limitata tal-entitajiet ta' finanzjament nazzjonali speċjalizzati fil-mobilizzazzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

Għalkemm l-istrumenti finanzjarji jistgħu jingranaw livelli oġhla ta' investment privat, dawn jintużaw inqas ta' spiss mill-għotjiet. Dan juri l-ħtieġa ta' interazzjoni aktar effettiva bejn l-għotjiet u l-istrumenti finanzjarji. **L-għotjiet għandhom jappoġġaw ħtiġijiet soċjali jew settorjali speċifiċi**, bħal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi jew il-bini bl-aġħar rendiment, **filwaqt li l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu integrati**, u jkopru oqsma oħra u jimmassimizzaw l-impatt tal-fondi pubbliċi.

Barra minn hekk, l-evidenza mill-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni turi li **l-għotjiet jistgħu jiġu kkombinati b'mod effettiv ma' strumenti finanzjarji** biex itejbu l-preparazzjoni tal-proġetti, jinċentivaw rinnovazzjonijiet enerġetiċi aktar profondi u jtejjbu l-affordabbiltà għall-unitajiet domestiċi b'introjt baxx li jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku.

Diversi forom ta' għotjiet, bħal sussidji fuq ir-rata tal-imgħax jew fuq it-tariffi ta' garanzija, assistenza teknika, għotjiet għall-investiment u ribassi kapitali, jistgħu jiġu kkombinati ma' self, garanziji jew ekwità f'operazzjoni waħda, u b'hekk l-iskemi jsiru aktar attraenti kemm għas-suq kif ukoll għall-intermedjarji finanzjarji. L-esperjenza mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tenfasizza l-importanza li l-appoġġ għall-investiment jiġi kkombinat mar-riformi, kif ukoll mal-istabbiliment tan-networks ta' appoġġ meħtieġa (eż. punti uniċi ta' servizz).

**Il-fondi tal-UE għall-effiċjenza enerġetika huma mifruxa f'diversi programmi nazzjonali u reġjonali**, kull wieħed minnhom ġestit minn organizzazzjonijiet differenti. Din il-frammentazzjoni u n-**nuqqas ta' koordinazzjoni** bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u finanzjarji jillimitaw l-użu ta' finanzjament imħallat u jxekklu l-mobilizzazzjoni tal-investiment privat.

Barra minn hekk, **il-finanzjament pubbliku jista' jsir aktar effettiv billi jiġi trasferit il-fokus minn proġetti individwali għal dawq aggregati**. Dan jinkludi appoġġ għall-istandardizzazzjoni, il-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala u l-ilħuq ta' daqs kritiku għall-aċċess għall-finanzjament. Madankollu, l-appoġġ għall-aggregaturi tal-proġetti spiss ikun ristrett minn regoli u regolamenti, inkluż prattiki bankarji għal finanzjament fit-tul, garanziji u kollateral. Fl-istess ħin, il-programmi rilevanti ffinanzjati mill-UE bħal ELENA u LIFE CET, li jużaw ir-riżorsi mill-baġit tal-Unjoni b'mod effettiv u li wrew li għandhom effett ta' ingranaġġ u multiplikatur sinifikanti, għandhom baġit relattivament żgħir.

**In-nuqqas ta' data standardizzata u ta' rapportar dwar proġetti tal-effiċjenza enerġetika, investimenti u ffrankar tal-enerġija** għadu sfida f'termini tal-valutazzjoni tal-progress u l-kejl tal-impatt. Dan huwa minnu b'mod partikolari għal programmi akbar jew għal popolazzjonijiet fil-mira speċifiċi (eż. unitajiet domestiċi vulnerabbli) u għall-bini bl-aġħar rendiment, li għandhom l-aktar x'jiggrawdanjaw mir-rinnovazzjonijiet enerġetiċi.

#### **4.2. Konklużjonijiet**

Minkejja l-progress notevoli fit-tisħiħ tal-appoġġ pubbliku għall-proġetti tal-effiċjenza enerġetika, **il-finanzjament pubbliku bħalissa jkopri biss proporzjon limitat (15 %) tal-ħtiġijiet ta' investimenti totali stmati** biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika għall-2030. It-tmiem tal-RRF fl-2026 **jirriskja li jkompli jżid din id-diskrepanza fl-investiment**, u b'hekk jagħmilha aktar diffiċli li jiġi realizzat il-potenzjal sħiħ tal-effiċjenza enerġetika.

Ir-rinnovazzjonijiet tal-bini u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs u l-mikrointrapriżi jipproduċu ffrankar sostanzjali fit-tul, iżda l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-SMEs b'mod partikolari jeħtieġu appoġġ finanzjarju biex ikopru l-kostijiet bil-quddiem għall-investimenti inizjali.

Skemi ta' finanzjament aktar effiċjenti, immirati u bbażati fuq ir-rendiment fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali jistgħu jisfruttaw soluzzjonijiet tal-enerġija sempliċi, adattati u attraenti għaċ-ċittadini u għall-intrapriżi.

Għalhekk, hemm hteġa urġenti li jiġi **massimizzat l-effett katalitiku u tat-trasformazzjoni tas-suq tal-finanzjament pubbliku biex jiġu sfruttati investimenti privati sinifikanti u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika f'termini ta' kompetittività, affordability tal-enerġija, sigurtà, saħħa, u kwalità tal-ħajja**, u biex jiġi żgurat li l-Unjoni tissodisfa l-oġettivi tagħha tal-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rinnovazzjoni tal-bini, għall-2030 u lil hinn. Fl-istess ħin, strumenti u miżuri ta' politika dedikati għandhom ikomplu jikkontribwixxu biex jistimulaw id-domanda għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, inkluż pereżempju b'servizzi ta' punt uniku ta' servizz, kif ukoll biex jistimulaw l-offerta ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi u privati għall-effiċjenza enerġetika, inkluż is-simplifikazzjoni u l-espansjoni tas-suq għas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika.

L-ambitu modernizzat tal-baġit propost għall-2028-2034 jippermetti l-implimentazzjoni ta' din l-ottimizzazzjoni. B'mod partikolari, il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jorbtu r-riformi mal-investimenti, inkluż biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-ġdid li se jsaħħaħ l-ekonomija tal-Unjoni permezz ta' investimenti li għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw l-ekonomija Ewropea u jippromwovu l-effiċjenza enerġetika.

Il-baġit tal-Unjoni se jappoġġa wkoll **l-iżvilupp u l-espansjoni ta' strumenti finanzjarji u ta' skemi ta' finanzjament imħallta**, li jikkombinaw għotjiet, servizzi ta' konsulenza u garanziji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi għas-settur. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tal-investment privat fl-effiċjenza enerġetika** tipprovdi gwida siewja u eżempji konkreti lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq biex jimmobilizzaw ir-riżorsi tas-settur privat.

Huma meħtieġa **assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti, inizjattivi ta' użu tas-suq u miżuri ta' bini tal-kapaċità** b'saħħithom biex tittejjeb l-effiċjenza u biex jittejjeb l-użu tal-fondi pubbliċi u privati. Skont il-QFP li jmiss, il-Kummissjoni se tibni fuq programmi eżistenti tal-UE bħal LIFE CET u ELENA, li wrew ingranaġġ għoli f'termini ta' investimenti u ffrankar tal-enerġija, biex twitti t-triq għal programmi ta' investment dirett akbar.

Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-finanzjament pubbliku b'appoġġ għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, **l-Istati Membri għandhom iżidu l-użu ta' strumenti finanzjarji** u jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-għotjiet. Madankollu, xorta waħda għandhom jintużaw l-għotjiet biex jindirizzaw fallimenti tas-suq u jiżguraw inklużjoni soċjali u appoġġ immirat għal ħtiġijiet settorjali speċifiċi.

Fl-istess ħin, il-qafas abilitanti għandu jippromwovi l-varar u l-użu effettivi ta' għodod abilitanti, bħal self u ipoteki għall-effiċjenza enerġetika u garanziji kkombinati tal-portafoll għar-rinnovazzjoni tal-bini, għall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għall-iskemi finanzjarji ta' ħlasijiet għall-prestazzjoni, għall-inċentivi fiskali u għall-istandards tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Minħabba l-kumplessitajiet u l-isfidi assoċjati mal-finanzjament ta' proġetti tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni tirrikonoxxi hteġġa dejjem akbar ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament effettivi, għal **pipelines ta' investiment u investimenti tat-tnaqqis tar-riskji** tal-effiċjenza enerġetika kbar.

**L-Istrumenti li Jaċċelleraw l-Effiċjenza Enerġetika** jistgħu jinkludu komponenti speċifiċi għas-settur biex jiżiedu malajr l-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-bini, l-SMEs u l-mikrointrapriżi u s-sistemi tat-tisħin u tat-tekstili. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu liċ-ċentri nazzjonali tal-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika fl-iżvilupp ta' dawn l-istrumenti.

Is-**sħubijiet pubbliċi-privati** bħall-EEEF urew suċċess f'termini ta' espansjoni tal-proġetti ta' investiment u mobilizzazzjoni tal-finanzjament mis-settur privat. Dan juri l-benefiċċji potenzjali tar-replikazzjoni u tal-espansjoni ta' dan il-mudell f'qafas ta' finanzjament usa' tal-UE għall-effiċjenza enerġetika. Dawn is-sħubijiet jistgħu jservu bħala mudell għall-istrumenti aċċelleratur tal-ġenerazzjoni li jmiss. Billi tagħmel dan, l-Unjoni tista' tisfrutta benefiċċji sinifikanti għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika, inkluż riskju mnaqqas, finanzjament akbar u żvilupp tal-proġetti mtejjeb.

Fl-aħħar nett, biex tagħti spinta sinifikanti lill-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tiżgura l-użu effettiv tal-fondi pubbliċi, fl-2024 il-Kummissjoni varat **il-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika**. Il-kontinwazzjoni u t-tisħin ulterjuri ta' din is-sħubija strutturata bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-industrija huma kruċjali għall-ilħuq tal-għanijiet tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika.

Il-Kummissjoni tistieden kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.